**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-31 TA' MEJJU 2023**

**Kawza Numru: 5K**

**Rik. Nru. 756/2021 RGM**

**Ann Marie Attard (K.I. 450284M) bħala prokuratriċi ta' Ivan Grixti K.I. 620282M assenti minn Malta**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Rat li fit-22 ta' Novembru 2021 r-rikorrenti ippreżenta rikors fejn ippremeta li huwa sid tal-fond 5 gia 4, Triq San Ġorġ, Ħal Safi, u li l-imsemmi post ilu għal żmien twil mikri għal skopijiet residenzjali lil Carmelo Cutajar u sussegwentament lil Catherine Cutajar u dan b'kirja ta' sbatx-il Lira u nofs (Lm17.50) fis-sena. Ir-rikorrent jilmenta li in vista li l-kirja kienet soġġetta għall-provvedimenti tal-Kapitolu 69, huwa ġie mġiegħel jibqa' jirċievi ammont ta kera ferm baxx mingħajr il-possiblita li jżid l-ammont u wkoll mġiegħel jibqa' jġedded il-kera versu r-rata stabbilita skont il-liġi. Kien biss bi ftehim datat 29

t'Ottubru 2021 fejn ir-rikorrent flimkien ma' Catherine Cutajar li qablu li l-kirja tal-fond mertu tal-kawża tiġi fi tmiemha b'effett immedjat iżda ingħatat b'titolu ta' mera tolleraza sal-14 t'April 2022 sabiex tirritorna l-pussess tal-fond. Għalhekk ir-rikorrent intavola din il-kawża u talab lil din il-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Kap 16 *inter alis* l-Artikolu 1531C ivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta taghha bl-indirizz 5 gja 4, Triq San Gorg, Hal Safi kif sanciti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Eworopea (li tifforma parti integrali tal-ligijiet domestici fil-Kap. 319) u dan prevja u jekk hemm bzonn bili tappunta pertiti nominandi.

2. Tiffisa u tillikwida kumpens xieraq (sia pekunjarju u mhux pekunjarju) ghas-snin kollha li r-rikorrent bata vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu sad-29 t'Ottubru 2021 u/jew data verjuri u dan prevja u jekk hemm bzonn billi tappunta perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz tal-ittra ufficjali 3766/22 u huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali. B'rizerva ghad-drittijiet kollha spettani lir-rikorrenti."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-22 ta' Diċembru 2021 fejn eċċepixxa li r-rikorent jeħtieġlu jġib prova (a) tat-titolu fuq il-fond mertu tal-kawża; (b) tal-kirja li qiegħed jilmenta minnha; u (ċ) li hija kirja soġġetta għal Kapitolu 69 u l-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16. In linea preliminari ġie eċċepiet ukoll li r-rikorrent għandu jindika l-artikolu minn Kapitolu 69 jew Att ieħor li skontu qegħdin jagħtu lok għal leżjoni. Eċċepixxa wkoll li r-rikorrent

m'għandux interess ġuridiku sabiex jillamenta mill-operat tad-dispożizzjonijiet il-ġodda fil-Kapitolu 69 u Kapitolu 16 li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XXIV tal-2021 stante li l-kirja li qiegħed jillamenta minnha ġiet fi tmiemha entro ftit xhur mid-dħul fis-seħħ tal-istess emendi. Fil-mertu għamel referenza għall-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni u jeċċepixxi li in vista tat-tali artikolu l-ilment tar-rikorrent ma tistax tintlaqat mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ingħad ukoll l-azzjoni taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija improponibbli dan stante li l-istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa fl-apprezzament ta' ħtiġijiet soċjali tal-pajjiż. Ingħad ukol li l-kirja saret bi qbil bejn sid il-post u l-inkwilin u ħadd ma impona li l-fond irid jinkera bilfors. In oltre ġie eċċepiet ukoll li l-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 jipprovdi mekkaniżmu xieraq ta' kumpens.

3. Rat il-provi mressqa mill-partijiet kif ukoll l-atti kollha tal-kawża.

4. Rat ir-**rapport tal-Perit Tekniku David Pace** ippreżentat fil-11 t'April 2022 u maħluf fit-30 ta' Settembru 2022.[1]

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent tat-30 ta' Diċembru 2022[2] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat tad-9 ta' Frar 2023[3].

6. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

[1] Fol 70 et seq tal-proċess.
[2] Fol 77 et seq tal-proċess.
[3] Fol 92 et seq tal-proċess.

7. Il-fond 5 gia 4, Triq San Ġorġ. Ħal Safi, (il-fond) huwa proprjeta’ tar-rikorrent. Omm ir-rikorrenti xtrat dan il-fond bis-saħħa ta’ kuntratt in atti Nutar Dr Joseph Raphael Darmanin ippublikat fit-8 ta’ Lulju 1986.[4] Peress li dakinhar omm ir-rikorrenti kienet miżżewġa lil missier ir-rikorrent, il-fond daħal fil-patrimonju tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-ġenituri. Ir-rikorrent wiret sehem minn sitta (1/6) wara l-mewt t’ommu, Carmen Grixti, li mietet bejn is-26 u s-27 ta’ Jannar 2006. Permezz ta’ testment unica charta datat 26 t’April 1990 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb it-testatriċi innominat bħala eredi universali tagħha lit-tlett uliedha u soġġett għall-użufrutt ta’ missierhom Saviour Grixti. Ir-rikorrent deher fuq att ta’ dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikat min-Nutar Mary Camilleri Cutajar fit-2 ta’ Ġunju 2006 fejn fost l-immobbli li r-rikorrent iddikjara li wiret mingħand Carmen Grixti hemm sehem minn sitta tal-fond mertu tal-kawża odjerna. B’kuntratt ta’ donazzjoni tat-12 t’Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar, ir-rikorrent akkwista b’titolu ta’ donazzjoni irrevokabbli mingħand missieru Saviour Grixti u ħutu l-ishma rimanenti u ċioe 5/6 tal-fond mertu tal-kawża.

8. Dwar il-kirja provi fosthom kopja tal-irċevuti tal-kera li juru illi dan il-fond ilu snin twal mikri lil Cutajar kif ukoll ġie ppreżentant kopja tal-kuntratt tat-terminazzjoni tal-kera datat 29 t’Ottubru 2021[5]. L-ewwel riċevuta tal-kera eżebita tmur lura għall-15 ta’ Awissu, 1988.[6]

9. Huwa paċifiku illi l-kera mertu tal-kawża kienet regolata bil-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta.

10. Minn dawn il-fatti jirriżulta li r-rikorrent seħħlu juri li huwa sid il-fond li kien mikri lil Cutajar ai termini tal-Kapitolu 69 sa mis-sena 1988.

[4] Fol. 52 et seq tal-proċess
[5] Fol 59 et seq tal-proċess.
[6] Fol. 55 tal-proċess

11. Fis-sena 2021 huwa istitwixxa kawża kontra l-inkwilin quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (nru 607/2021LC) fejn talab jew l-iżgumbrament jew l-awment fil-kera. Ir-rikorrent u l-inkwilin Catherine Cutajar deheru fuq ftehim datat 29 ta' Ottubru, 2021 li permezz tiegħu ftehmu li jitransiġu l-kwistjoni ta' bejniethom dwar il-kera billi t-terminaw il-kirja u Cutajar ingħatat sal-14 ta' April, 2022 sabiex tiżgombra. Il-kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ġiet ċeduta.

Ikkunsidrat

12. Ir-rikorrent intavola l-kawża odjerna jilmenta li l-jedd fundamentali tiegħu protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġie leż minħabba li bl-operazzjonijiet tal-Kapitolu 69 kif ukoll b'effett tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 introdott b'Att X tal-2009 l-kera massima li seta' jirċevi skond il-liġijiet viġenti fiż-żmien rilevanti kienet irriżorja meta komparat mal-kera potenzjali li l-fond seta' jġib fis-suq liberu.

**Mertu**

13. Ir-rikorrent huwa korrett meta jipprometti li fiż-żmien rilevanti kien marbut li jkompli jġeded l-kirja u dan bl-operazzjoni tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69** li jipprovdi illi:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

14. Skont Kapitolu 69, il-Bord jista' jagħti permess f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 69. Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 kif promulgati bl-**Att XXIV tal-2021**, dan l-artikolu kien jipprovdi li:

"jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta` jinkera f`kull żmien qabel l-4 ta` Awissu tal-1914: il-Bord jista` jistabbilixxi dan il-kera ġust."

15. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

"(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:

Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.

(2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

16. Ir-rikorrent jinsisti li fiż-żmien rilevanti ma setax jawmenta l-kera għar-rata viġenti fis-suq liberu u lanqas seta jieħu l-pussess tal-istess proprjeta u għalhekk jilmenta li sofra leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu sanċit taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u taħt Artikolu

37 tal-Kostituzzjoni. Imiss għalhekk li l-Qorti tqis dawn l-artikoli individwalment.

17. Il-fattispecie tal-kawża odjerna ma jofru l-ebda aspett ġdid dwar kawżi ta' din ix-xorta li l-ġurisprudenza dwarhom hija issa assodata b'sentenzi mill-Qorti Kostituzzjonali.

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent irtira t-talbiet rigwardanti l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni iżda żamm ferm it-talbiet tiegħu fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

19. **Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

20. L-interpretazzjoni prevalenti għal din id-disposizzjoni li llum tagħmel parti mil-liġi Maltija hi illi qed tipproteġi lill-persuna fit-tgawedija ħielsa ta' ħwejjiġha li jinkludu l-possedimenti tagħha.

21. L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta'

dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

22. Sabiex l-aġir tal-Istat bħalma hu l-promulgazzjoni ta' liġi li tagħti protezzjoni lill-inkwilin, ma jikwalifikax bħala leżiv tal-jedd konvenzjonali tal-individwu jeħtieġ li jkun inżamm bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.

23. Huwa meqjus illi liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid ta' individwu għal għanijiet fl-interess ġenerali huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta demokratika. Pero' tali setgħa ma hiex bla limitazzjoni jew bla xkiel. Ir-regola ġenerali tibqa' li l-individwu għandu l-jedd fundamentali li jgawdi l-ġid tiegħu mingħajr xkiel u għalhekk meta l-Istat jirfes fuq dak id-dritt jeħtieġ li juri illi tali ndħil seħħ f'qafas legali fejn id-drittijiet tal-individwu ġew rispettati. Dan l-obbligu fuq l-Istat jisssussisti sew meta l-liġi tippermetti lill-Istat li jieħu bil-forza l-ġid ta' individwu f'idejh, sew meta l-liġi tkun maħsuba sabiex tirregola l-użu ta' dak il-ġid.

24. Għalkemm taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni s-setgħa tal-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid hija wiesgħa, huwa dejjem meħtieġ mhux biss li jintwera l-interess ġenerali iżda wkoll li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-individwu milqut bl-aġir tal-Istat. Hawn jidħol l-element tal-proporzjonalita' fejn l-indħil għandu jiġi kontro bilanċjat minn kumpens xieraq. Jekk l-Istat jieħu bil-forza proprjeta' għandu jħallas kumpens ġust tal-valur tagħha. Jekk l-Istat ma jieħux proprjeta' bil-forza iżda jieħu minn idejn is-sid l-użu ta' dik il-proprjeta' ; għandu jkun hemm mekkaniżmu legali kif is-sid jiġi kumpensat minħabba tali restrizzjoni fit-tgawdija tal-possediment tiegħu. Jekk le ifisser li l-Istat huwa responsabbli ta' leżjoni tad-dritt tas-sid kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

25. Kapitolu 69 kien jagħmilha prattikament impossibbli li s-sid jieħu lura l-fond mikri jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li l-kera baqgħet staġnata. Bl-Att X tal-2009 il-Leġislatur introduċa emendi għall-Kapitolu 16 suppost bl-iskop li jiġi indirizzat l-iżbilanċ li kien hemm kontra s-sidien f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dak l-Att introduċa **Artikolu 1531Ċ għall-Kap 16** li kien jaqra kif ġej:

> "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali għall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

26. Is-somma ta' €402 fis-sena hija manifestament baxxa wisq meta komparat mal-potenzjal li l-fond seta' jiġġenera fiż-żmien rilevanti.

27. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Patricia Curmi et vs. Miriam Pace et** (Rik Kost 68/2019 - 6 ta' Ottubru 2020) irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 b'mod partikolu bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531Ċ fil-Kodiċi Ċivili ġabu awment fil-kera li ma jistax jiġi kkunsidrat illi indirizza l-iżbilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-inkwilini u s-soċjeta' in ġenerali.

28. Ingħad fl-imsemmija deċiżjoni li "*Il-kera irriżorja li għaliha huma intitolati s-sidien tilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni".* Intqal ukoll f'sentenza aktar riċenti li "*illum hu stabbilit li l-awment tal-kera li jipprovdi l-Att X tal-2009 hu inadegwat u ma wassalx sabiex sidien il-kera jirċievu kera diċenti.*"[7]

29. Għalhekk il-Qorti tqis li l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kapitolu 16 ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw l-element ta' proporzjonalita' ladarba l-awment kien qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq, minħabba r-restrizzjoni kif kienu kontemplati fl-Artikolu 4 (b) tal-Kapitolu 69 qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

30. Ir-rikorrent jillamenta wkoll li l-emendi li daħlu fis-seħħ bl-Att XXIV tal-2021 ma kinux ta' benefiċċju biex iġib il-kirja fix-xejn, iżda kien biss bil-ħiela u sforz tiegħu li rnexxilu jagħmel dan.

31. Il-Qorti tqis li tali sottomissjoni għandha mill-fieragħ. Kien bis-saħħa tal-Att XXIV tal-2021 li huwa seta għall-ewwel darba jħarrek lill-inkwilin u jitlob jew żgumbrament jew zieda fil-kera.

32. Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana li l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 kif promulgat bl-Att XXIV tal-2021 jagħti l-possibilità lil kull persuna li qiegħda fl-istess sitwazzjoni li kien ir-rikorrent, li titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera tiffissa l-kera f'ammont li jkun sa tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, bil-possibilità wkoll li l-Bord jaċċetta d-dħul ta' kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw dan il-ftehim ta' kirja kif ukoll li jiġi revedibbli kull sitt (6) snin. Il-Bord huwa obbligat jagħmel test tal-mezzi sabiex jara jekk l-inkwilin jissodisfax il-kriterji sabiex ikompli fil-kirja jew le.

---

[7] **Carmel sive Charles Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

33. Din il-Qorti hija tal-fehma dan l-Artikolu ipprovda rimedju adegwat għall-anti kostituzzjonali tal-liġi kif kienet viġenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021. B'dan il-provvediment ġiet stabbilita proċedura għas-sid sabiex jitlob l-amwent jew l-iżgumbrament tal-inkwilin a bażi ta' kriterji magħrufa mill-partijiet kollha..

34. Għaldaqsant din il-Qorti hija sodisfatta li l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021, ħolqu bilanċ propozjonat bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini.

35. Il-Qorti tqis illi minn meta daħlu fis-seħħ l-emendi f'Ġunju tal-2021 ma jistax jitqies aktar li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali ta' sid il-kera pero mhux l-istess jista' jingħad għaż-żmien qabel daħlet fis-seħħ dawk l-emendi.

36. Fir-relazzjoni teknika tiegħu il-Perit Tekniku David Pace irrelata illi l-valur lokatizzju tal-fond fis-sena 2021 kien ta' €6,000 fis-sena. Id-diskatt kbir bejn il-kera perċepita mir-rikorrent u l-valur lokatizzju tal-fond huwa kbir.

37. **Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hi tal-fehma illi Kapitolu 69 kif ukoll l-emendi bl-Att X tal-2009 għall-Kapitolu 16 ħolqu fiż-żmien rilevanti indħil sproporzjonat fuq id-drittijet tar-rikorrent peress illi hemm baħar x'jaqsam bejn il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi u l-potenzjal tal-kera li l-fond seta' jiġġenera lir-rikorrent. Bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. B'dan illi tqis li seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu minn meta akkwista l-fond sad-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta introdotti bl-Att XXIV tal-2021.**

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Rilevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni.**

38. Fuq l-iskorta tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji il-Qorti ser tikkonsidra perijodu li jiġi fi tmiemu fit-30 ta' Mejju 2021, lejliet id-dħul fis-seħħ ta' Artikolu 4A tal-Kapitolu 69.

39. Il-Qorti għandha tieħu kont ta' żewġ fatturi importanti oħra: a) il-fatt li kien hemm użufrutt fuq il-fond mertu tal-kawża u b) il-fatt li ħames ishma minn sitta r-rikorrent akkwistahom b'titolu ta' donazzjoni.

40. B'testment tas-26 t'April 1990, Carmen Grixti, omm ir-rikorrent ħalliet lit-tlett uliedha bħala werrieta universali filwaqt li b'titolu ta' legat ħalliet l-usufrutt fuq l-assi ereditarji tagħha favur żewġha Saviour Grixti. Carmen Grixti mietet f'Jannar 2006. Il-fond mertu tal-kawża kien proprjeta formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti għalhekk Saviour Grixti kellu nofs indiviż tal-fond u l-użufrutt fuq ir-rimanenti nofs indiviż.

41. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat jissottometti illi nonostante li Fit-12 ta' Ottubru 2007 ġie ppubblikat kuntratt ta' donazzjoni li permezz tiegħu l-attur sar is-sid uniku tal-fond de quo billi akkwista nofs indiviz mingħand missieru u sest indiviż kull wieħed mingħadn ħutu. Jispjega illi l-attur naqas milli jgib xi prova dwar x'ġara mill-użufrutt u għalhekk jissottometti illi ġialadarba għandna nassumu illi Saviour Grixti għadu ħaj, huwa għadu jgawdi minn użufrutt fuq in-nofs indiviż li kien jappartjeni lill-omm l-attur.apparti l-użufrutt. Jidher ċar għalhekk li r-rikorrent u ħutu kienu wirtu biss in-nuda proprjeta filwaqt illi l-użufrutt kien intiret minn missierhom.

42. In tema lewgali ssir referenza għall-ġurisprudenza li trid illi jekk il-fond ikun soġġett għall-użufrutt is-sid ma jistax jitqies illi sofra leżjoni tal-jedd fudamentali tiegħu qua sid għaliex ladarba ma kellux dritt jirċevi l-kera, għalkemm kien sid; l-ebda leżjoni tal-jedd konkvenzjonali ma jkun seħħ. Fis-sentenza **Giovanna sive Jeanette Pocock vs. L-Avukat Ġenerali et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu 2023 ġie dikjarat illi:

"20. Fir-rigward tal-kumpens pekunjarju, il-Qorti rat li jirriżulta mill-atti li matul is-snin l-attriċi ma kinitx intitolata li tirċievi kera mingħand il-konvenuti Calleja peress li l-użufrutt tal-fond in kwistjoni kien tħalla lil omm l-attriċi Marianna Cutajar b'legat minn żewġha u kienet taċċetta l-kera hi sakemm irrinunzjat għall-użufrutt fil-mori ta' din il-kawża. Għalhekk l-attriċi ma tistax tilmenta li sofriet xi ksur tad-drittijiet tagħha għal dak iż-żmien minħabba n-nuqqas ta' proporzjonalità bejn il-kera pagabbli skont il-liġi u l-valur lokatizju tal-fond fuq is-suq liberu u żgur li m'hija intitolata għall-ebda kumpens pekunarju ladarba bħala stat ta' fatt hi ma sofriet l-ebda danni pekunarju. Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat li l-kumpens pekunarju akkordat mill-Ewwel Qorti favur lattriċi għandu jiġi revokat *in toto*."[8]

43. Ezaminati l-atti jirriżulta illi skond l-irċevuti tal-kera ppreżentati, il-kera kienet titħallas lil Saviour Grixti sal-15 ta' Awissu 2008 u li minn hemm 'il quddiem bdiet titħallas lill-attur.[9] Huwa minnu li l-kuntratt ta' donazzjoni ma jsemmi xejn dwar l-użufrutt; pero' tenut kont li dan kien kuntratt bejn missier u uliedu il-Qorti qed tifhem illi l-intendiment bejn il-missier u l-attur kien li mill-mument li sar sid uniku tal-fond il-kera jibda jipperċepiha l-attur u mhux aktar il-missier. Tajjeb jiġi rilevat illi dan il-kambjament fid-destinazzjoni tal-ħlas tal-kera seħħ fis-sena 2008 meta dawn il-proċeduri ma setgħux kienu l-ħsieb wara tali kambjament. Huwa minnu li kien ikun aħjar li kieku l-missier u l-attur resqu fuq att li jittermina formalment l-użufrutt; pero' ma tqisx li dan in-nuqqas iċaħħad lill-attur mid-dritt li jfittex għad-danni pekunjarji mill-mument li sar sid uniku u beda jirċevi l-kera hu. Li l-attur beda jirċevi l-kera huwa konfermat mix-xhieda ta' Ann Marie Attard.[10] Mill-irċevuti tal-kera jirriżulta li l-kirja li tkopri l-perjodu bejn il-15 'Awwissu 2007 u l-14 t'Awwissu 2008 kien aċċetaha Saviour Grixti, missier ir-rikorrent, filwaqt li mis-sena 2008 il-kirja

[8] Ara wkoll **George Debttista vs. L-Avukat tal-Istat et** mogħtija mill-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Frar 2021.
[9] Ara fol. 57
[10] Fol. 49 tal-proċess

beda jirċeviha r-rikorrent. Għal din il-Qorti għalhekk, il-perjodu tal-leżjoni da parti tal-attur beda jiddekorri mill-15 t'Awwissu 2008 u ċioe minn meta beda jilqa' l-kirja l-attur u dan sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021

44. Kif jingħad fis-sentenza **Maria Gialanze' et. vs. Carmen Mizzi et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022, sabiex vittima ta' leżjoni ta' dritt fundamentali jista' jirreklama wkoll id-danni sofferti mill-predeċessur tiegħu fit-titolu li wkoll ikun issubixxa leżjoni tal-istess jedd fundamentali, jeħtieġ illi l-persuna li tkun għamlet it-talba "saret il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni bħala eredi universali [...] u għalhekk kienet daħlel fiż-żarbun legali" tal-*ante causa* tagħha u mhux li saret is-sid in forza ta' donazzjoni. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi "[...] id-dritt għal rimedju wara ksur ta' drittijiet fondamentali ma jistax jiġi trasferit". Kif rajna, l-attur sid tal-fond de quo bis-saħħa ta' donazzjoni u mhux bis-saħħa ta' wirt ħlief għal sest indiviż li sa' Awissu 2008 kien għadu soġġett għall-użufrutt favur missier l-attur.

45. **In vista tal-fatt li r-rikorrent sofra piż sproporzjonat meta fiż-żmien rilevanti ġie mċaħħad mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu kawża tal-applikazzjoni tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 69 u tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 kif applikabbli fiż-żmien rilevanti, huwa għandu jingħata rimedju xieraq konsistenti f'kumpens.**

46. Fis-sentenza **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** (Rik Kost 103/2019) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju 2022 ġie riaffermat illi:

> "Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi

likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

47. Għaldaqstant skont il-linji gwida tal-QEDB sabiex jiġi ffissat kumpens pekunarju ġust għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tas-sid, l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas: b'30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali; b'20% ġialadarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami; u bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew bil-kera perċepibbli skond il-liġi, liema hi l-ogħla.

48. Fuq talba tar-rikorrent il-Qorti ħatret bħala **espert tekniku lill-Perit David Pace** sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizju fis-suq tal-fond. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu kont tal-valur lokatizju ta' matul is-snin kif irrelata l-Perit Tekniku sabiex tiddetermina l-kumpens pekunjarji xieraq dovut lir-rikorrent skont il-linji gwida tal-QEDB adottati mill-Qorti Kostituzzjonali:

| **Sena** | **Stima tal-Perit annwali (€)** | **Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€)** | **Differenza (€)** |
|---|---|---|---|
| 2008 | 1796.63[11] | 139.76[12] | 1656.87 |
| 2009 | 4791 | 372.7 | 4418.3 |

[11] €4791 / 12 x 4.5 (15 Awwissu sal-aħħar ta' Diċembru).
[12] €372.70 / 12 x 4.5.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2010 | 4791 | 372.7 | 4418.3 |
| 2011 | 4791 | 372.7 | 4418.3 |
| 2012 | 5446 | 372.7 | 5073.3 |
| 2013 | 5446 | 372.7 | 5073.30 |
| 2014 | 5446 | 372.7 | 5073.30 |
| 2015 | 5446 | 372.7 | 5073.30 |
| 2016 | 5446 | 372.7 | 5073.30 |
| 2017 | 5712 | 372.7 | 5339.3 |
| 2018 | 5712 | 402.72 | 5309.28 |
| 2019 | 5712 | 402.72 | 5309.28 |
| 2020 | 5712 | 402.72 | 5309.28 |
| 2021 | 2500[13] | 167.8[14] | 2332.2 |
| **Total** | 68747.63 | 4870.02 | 63877.61 |

49. Is-somma ta' €68,747.63 għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €48,123.34. Minn din is-somma jrid jonqos 20% peress li r-rikorrent ma taw l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €38,498.67 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera li attwalment ġiet imħallsa mill-inkwilina kif perċepibit skont il-liġi għall-istess perijodu u ċioe €4,870.02.

50. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrent qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €33,628.65 li qed jiġu arrotondati għal tlieta u tletin elf u seba' mitt ewro (€33,700).**

51. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak hu personali għall-persuna li tkun

[13] €6000 / 12 x 5 (Jannar sa Mejju).
[14] €402.72 / 12 x 5.

batiet dik it-tbatija."[15] F'dan il-każ ir-rikorrent ġie mogħti il-fond de quo b'titolu ta' donazzjoni u fuqu kien hemm ukoll użufrutt liema ġie fi tmiemu fl-14 t'Awwissu 2008. Il-Qorti għalhekk qed tillikwida d-danni non pekunjarji fis-somma ta' **sitt elef ewro (€6,000).**

**Spejjeż tal-kawża**

52. L-Avukat tal-Istat huwa l-parti sokkombenti f'din il-kawża li trattat u sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Għalhekk għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati konformement ma' dak hawn fuq deċiż,

**1. Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara illi fil-konfront tar-rikorrent Ivan Grixti il-fatti fuq imsemmija u l-operazzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament Artikolu 3 u tal-Att numru X tal-2009 senjatament Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien rilevanti u ċioe' bejnis-sena 2008 u s-sena 2021 ikkawżaw vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

**2. Tilqa'** t-tieni talba, tillikwida d-**danni pekunjarji** fis-somma ta' tlieta u tlettin elf ewro u seba' mitt ewro (**€33,700)** filwaqt li tillikwida d-**danni non pekunjarji** fis-somma ta' sitt elef ewro **(€6,000).**

[15] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

**5. Tilqa'** t-tielet talba, tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' disgħa u tletin elf u seba' mitt ewro (€39,700) bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

**Bl-ispejjeż** kontra l-Avukat tal-Istat.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

31 ta' Mejju 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**